**MALTA**
**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR SIMONE GRECH LL.D.**

**Seduta tas-7 ta' Mejju 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stacy Attard)**

**vs**

**Joseph Muscat**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet imressqa fil-konfront ta' Joseph Muscat, u detentur tal-karta tal-identita' numru 105968(M), li permezz taghhom gie akkuzat li:

*U nakkuzah talli nhar l-01 ta' Novembru, 2018, ghal habta tal-11:00 ta' fighaxija, u kif ukoll nhar it-02 ta' Novembru, 2018, ghall-habta tas-06:00 ta' filghodu, gewwa fond numru 95,sitwat gewwa Triq id-Duluri, Hamrun:-*

*1. Hebb ghall-persuna tas-siehba tieghu Nadia Coleiro u kkagunalha griehi ta' natura hafifa hekk skond ma' gie ccertifikat minn Dr. Satya Brata Das M.D. (Reg. No. 2141) mic-Centru tas-Sahha tal-Furjana, Malta;*

*2. u aktar talli fl-istess dati msemmijin u anke fil-gimghat/xhur ta' qabel, bl-imgieba tieghu ikkaguna lil haddiehor lis-siehba tieghu Nadia Coleiro li hija s-siehba koabitanti biza' li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta'*

*xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 221(1) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' ta' Nadia Coleiro jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubbliku jew ghall-iskop ta' l-protezzjoni tal-persuna msemmija minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat skond l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 u f'kaz ta' htija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-persuna offiza ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385, u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat id-dokumenti ezebiti.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti qieset li fit-18 ta' Jannar 2019, dehret il-parte civile Nadia Coleiro li ddikjarat li hija qed tahfer lill-imputat, li hija qeghda tirrinunzja ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli u li qed taghzel li ma tixhidx in vista li hemm proceduri fil-konfront taghha u fit-tieni lok peress li l-imputat huwa s-sieheb taghha.

Fil-kaz in disamina, r-reati de quo huma kollha procedibbli ex officio u in fatti, il-Prosekuzzjoni ressqet il-provi taghha dwar l-istess imputazzjonijiet.

Il-Qorti qieset illi mill-provi hekk kif imressqa il-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tressaq provi sufficjenti li jikkonvincu lil din il-Qorti lil hinn minn kull dubbju ragonevoli li l-imputat huwa hati ta' l-imputazzjonijiet imressqa fil-konfront tieghu. Ix-xhieda principali f' dan il-kaz ghazlet li ma tixhidx mentri x-xhieda l-ohra li tressqu kienu kollha xhieda li setghu biss jixhdu fuq dak li kienet qaltilhom l-allegata vittma. Anke wara li hadet konjizzjoni tal-kontenut ta' l-istqarrija rilaxxata mill-imputat, xorta wahda din il-Qorti tqies li ma tressqux provi lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli sabiex il-Qorti ssib htija fl-imputat.

**Decide**

**Ghaldaqstant, wara li rat l-artikoli 202(h), 214, 215, 222(1)(a) 222(1)(a), 251B, 382A, 383, 384, 385, 412 C u 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din l-Onorabbli Qorti mhux qeghda ssib lil Joseph Muscat hati tal-imputazzjonijiet imressqa fil-konfront tieghu u qeghda tilliberah minn kull kundanna u htija.**

**Dr Simone Grech**
**Magistrat**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**